Avviz Numru CCT 224/14/GB

**Carmel Grima**

**vs**

**GO plc**

Illum 11 ta' Frar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Novembru, 2014 fejn ir-rikorrent talab kumpens ta' hames mitt Ewro (€500.00), rapprezentanti servizz li huwa xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema servizz ma kienx skond dak pattwit.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob kumpens a bazi tal-fatt illi s-socjeta' ntimata bieghetlu servizz li kien impossibbli li jigi supplit bl-'ispeed' li giet pattwita ta' 8Mbps, li wara giet 'downgraded' ghal 4Mbps. L-'average download speed' kienet ta' 3Mbps. Illi ghalhekk, is-servizz kien qed jigi supplit 37% ta' l-'ispeed' li kien gie pattwita. Ir-rikorrent dejjem ircieva u hallas kont ghall-prezz komplut, irrelevanti ghall-fatt li fil-post fejn jghix, il-'wiring' ma jissupportjax l-'ispeed' pattwita.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Fl-ewwel lok jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprovdi informazzjoni u dokumenti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in linea preliminari, is-socjeta' esponenti tecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1027, 2153 u 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tas-socjeta esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi huwa kien dam jiehu s-servizz in kwistjoni ghal hames snin, u li qed jitlob kumpens ta' kemm hallas zejjed. Kull xahrejn kien ihallas sebgha u ghoxrin Ewro u disgha u sebghin centezmi (€27.79).

In kontro-ezami, ir-rikorrent stqarr illi huwa kien hallas lis-socjeta' ntimata aktar milli ha servizz. Ikkonferma li kien hemm zewg kuntratti - wiehed originali ta' 8Mbps fl-2009, u imbaghad kien ghamel 'downgrade' ghal 4Mbps. Stqarr ukoll illi meta kien talab id-'downgrade' ghal 4Mbps, u ffirma l-kuntratt, huwa ma kienx talab kumpens mis-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrent ezebixxa erbgha (4) emails, li gew immarkati bhala Dok.CG1 sa Dok.CG4; flimkien ma' kopja ta' invoice li giet immarkata bhala Dok.CG5.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi wiehed ghandu jinnota l-limitazzjonijiet teknici li hemm imzizzlin fil-kuntratt, u cioe' suggett ghat-teknologija li tista' tinbidel, 'line stability', '3rd party issues' li s-socjeta' ntimata ma jkollhiex kontroll fuqhom, 'wear and tear' tal-modem li jista' jaffettwa l-ispeed. Meta jsir it-'testing' u jkun hemm 'application' miftuha, din ser taffettwa l-'ispeed'.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tat-tieni kuntratt iffirmat mir-rikorrent fejn huwa talab u biddel il-kuntratt minn 8Mbps ghal 4Mbps, li qed tigi mmarkata bhala Dok.GO1.

Is-socjeta' ntimata ssollevat il-preskrizzjoni taht l-Artikoli 1027, 2153 u 2156(f) tal-Kodici Civili.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-preskrizzjoni eccepita tapplika ghall-azzjoni ta' *indebiti solutio* (Artikolu 1027), l-azzjoni ghad-danni *akwiljani* (Artikolu 2153), u ghad-danni *kontrattwali* (Artikolu 2156(f) disponibbli taht il-Kodici Civili;

2. L-azzjoni odjerna izda m'hijiex azzjoni ta' *indebiti solutio*, jew azzjoni ghad-danni *akwiljani* jew ghad-danni *kontrattwali* intentata taht id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili izda hija azzjoni intentata ai termini tal-Artikoli 73 u 74 tal-Att dwar l-Affarjiet tal-Konsumatur (Kap. 378);

3. Il-Kap.378 jikkostitwixxi *lex specialis* li tohloq Tribunal b'gurisdizzjoni specjalizzata fil-kaz ta' talbiet imressqa minn konsumatur kontra negozjant u jikkonferixxi rimedji li jmorru lil hinn minn dawk provduti mill-azzjonijiet hawn imsemmija taht il-Kodici Civili.

4. Skond l-Artikolu 75 tal-Kap. 378 dan it-Tribunal jista' jordna t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-oggett mertu tal-kawza oltre li jordna l-hall tal-kuntratt jew ir-rifuzjoni ta' parti mill-prezz. It-Tribunal jista' anki jillikwida danni morali fill-kazijiet kongruwi. L-azzjonijiet previsti mill-Kodici Civili huma ferm aktar limitati in kwantu jikkontemplaw biss il-hall tal-bejgh jew altrimenti t-tnaqqis tal-prezz.

5. Aktar fondamentalment il-Kap.378 jikkontempla perijodu dekadenzjali ta' sentejn (vide Artikolu 78 tal-Kap. 378) ghall-azzjonijiet li jingabu quddiem dan it-Tribunal. Ma jaghmilx sens, u dana b'referenza ghall-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, li l-istess azzjoni tkun milquta minn zewg preskrizzjonijiet differenti.

6. Fil-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal il-Kap 378 jammonta ghal *lex specialis* ghar-ragunijiet imfissra aktar 'l fuq.

7. Dan it-Tribunal iqis li hemm konsiderazzjoni fondamentali ohra li trid issir – Ir-rimedji moghtija mill-Kap. 378 huma implementazzjoni tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 1999/44/EC, "Directive on Certain Aspects of the Sale of Consumer Goods and Associated Guarantees". It-terminu ta' sentejn li jipprovdi ghalih l-Artikolu 78 tal-Kap. 378 johrog direttament mill-imsemmija Direttiva.

8. Is-sbatax-il preambolu tad-Direttiva jipprovdi li:

*"Billi huwa xieraq li jkun limitat fiż-żmien il-perijodu li matulu l-bejjiegħ huwa responsabbli għal kull nuqqas ta' konformità li teżisti fil-ħin ta' forniment ta' l-oġġetti; billi l-Istati Membri jistgħu jipprovdu wkoll għall-limitazzjoni fuq il-perijodu li fih il-konsumaturi jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom; sakemm dan il-perjodu ma jiskadix fi żmien sentejn mid-data ta ' forniment; billi fejn, fil-leġislazzjoni nazzjonali, iż-żmien meta jinbeda perijodu ta ' limitazzjoni m ' huwiex iż-żmien tal-forniment ta ' l-oġġetti, id-dewmien totali tal-perijodu ta ' limitazzjoni li hemm provdut għalih fil-liġi nazzjonali m ' għandux ikun anqas minn sentejn mill-ħin ta ' forniment;"*

9. L-Artikolu 5(1) tal-istess Direttiva jipprovdi li:

> *"Il-bejjiegħ għandu jinżamm responsabbli skond l-Artikolu 3 fejn in-nuqqas ta' konformità ssir apparenti fi żmien sentejn minn meta l-oġġetti twasslu għandu il-konsumatur.* ***Jekk, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, d-drittijiet stipulati fl-Artikolu 3(2) huma soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni, dak il-perjodu m'għandux jiskadi f'perijodu ta' sentejn mill-forniment."***

Huwa car li skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva, it-terminu ta' sentejn ghandu jipprevali fuq preskrizzjonijiet aqsar li jkunu applikabbli taht il-ligijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Il-portata tal-Artikolu 5 tad-Direttiva huwa li jtawwal il-preskrizzjonijiet applikabbli taht il-ligijiet nazzjonali tal-pajjizi membri tal-Unjoni Ewropea b'mod illi tali termini ma jistghux jiskadu fi żmien sentejn mid-data tal-fornitura.

Illi ghalhekk, dan it-Tribunal ghandu jqis l-impatt tal-Artikolu 78 tal-Kap. 378 u, aktar fondamentalment, iqis l-impatt tal-Artikolu 5 tad-Direttiva, ghaliex jekk le, allura dan it-Tribunal ikun qed jaghti decizjoni li m'hijiex konformi ma' dak li tipprovdi d-Direttiva u dan ikun jammonta ghal ksur tal-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) li jipprovdi dwar is-supremazija tal-ligijiet tal-Unjoni fuq il-ligijiet domestici tal-Istati Membri tal-Unjoni.

Illi ghalhekk, it-Tribunal qed jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, josserva illi fuq ammissjoni tar-rikorrent stess, meta huwa kien talab 'downgrade' u ffirma kuntratt datat 20 ta' Settembru 2010, ghall-istess skop, huwa ma kien ghamel l-ebda ilment fuq il-kwalita' tas-servizz. Mill-provi prodotti u hekk skond il-korrispondenza ezebita in atti u mmarkata Dok.Dok.CG1 sa Dok.CG4, jirrizulta illi l-ewwel ilment li sar, da parti tar-rikorrent, kien fl-2013, fejn l-ilment kien illi mill-'ispeed' ta' 4Mbps huwa kien qed jottjeni biss l-'ispeed ta' 3Mbps mis-servizz tas-socjeta' ntimata. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kuntratt iffirmat mill-partijiet u mmarkat Dok.GO1, ezebit in atti, li jistipola b'mod car: *"The service I am taking is provided UP TO the speed requested and various factors such as the line quality and network load may from time to time affect the quality of the service."* , kif ukoll jaghmel referenza ghall-varjanza ta' 1Mbp li esperjenza r-rikorrent u b'hekk jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas fis-servizz li nghata lir-rikorrent, Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**